**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A., M.A. (FIN. SERV.), LL.D.**

**ILLUM 24 ta' Frar 2025**

**Il-Pulizija**
**(Spett Gabriel Micallef)**
**(Spett Sarah Kathleen Zerafa)**

**vs**

**Josef Ebejer (KI 225205(L)**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **JOSEF EBEJER, ta' 19 il-sena, imwieled fi 9 ta' Lulju 2005, ġewwa Pieta', iben Francis Ebejer u Justine Maria Aquilina, residenti ġewwa 80, Flat 8, Triq San Nicola, Valletta u detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 225205L;**

Akkuzat talli: ***fi 23 ta' Frar 2025, ghall-habta ta' 00:05hrs, ġewwa San Giljan u/jew f'dawn il-Gzejjer Maltin: -***

1. ***Kiser il-liberta' provizorja billi naqas milli jhares il-kundizzjoniet li gew imposti fuqu mill-Magistrat Dr M. A. Farrugia b'digriet moghti nhar il-5 ta' Settembru 2023, li gie varjat b'digriet mill-Magistrat Dr G. Camilleri Busuttill moghti nhar l-4 ta' Ottubru 2023, li bih ha l-helsien minn l-arrest;***

2. ***Kif ukoll talli kiser il-liberta' provizorja billi naqas milli jhares il-kundizzjoniet li gew imposti fuqu mill-Magistrat Dr A. Critien b'digriet moghti nhar it-28 ta' Gunju 2023, li bih ha l-helsien minn l-arrest.***

3. ***U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi irrenda ruħu reċidiv ai termini tal-Artikoli 49 u/jew 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu.***

***Il-Qorti hija gentilment mitluba tirrevoka is-somma msemmija fl-obligazzjoni tal-garanzija liema somma totali ghandha tigi mghoddija favur il-gvern ta' Malta kif ukoll tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Josef Ebejer u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat fejn b' digrieti hawn fuq imsemmija, kien inghata l-helsien mill-arrest, kif stipulat fl-artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.***

Rat id-dokumenti esebiti fosthom id-Digrieti ta' ħelsien mill-arrest (Dok SZ 1 u SZ 2), l-istqarrija tal-imputat (Dok SZ 5) u l-atti processwali kollha.

Semgħet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u semgħetu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tagħtu żmien jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu u jikkonsulta ruħu mill-ġdid mal-avukat tiegħu.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena idonea li għandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat għar-reati addebitati lilu fejn il-prosekuzzjoni nsistiet għal priġunerija effettiva filwaqt li d-difiża sostniet li hija tikkonċedi li għandu jkun hemm konfiska iżda mhux priġunerija effettiva imma semmai sentenza sospiża jew ordni ta' *probation*.

***IKKUNSIDRAT***

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u dawn għalhekk ġew sodisfaċentement ippruvati skond il-Liġi.

Illi meta tiġi biex tikkunsidra u tikkalibra l-piena li għandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat għall-akkuzi *de quo*, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat u ċ-ċirkostanzi ta' kif seħħew u kif ukoll l-ammissjoni bikrija tiegħu. Il-Qorti ħadet ukoll in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet mressqa mill-partijiet dwar il-piena waqt it-trattazzjoni tagħhom.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 579, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni **ssib lill-imputat JOSEF EBEJER (KI 225205(L) ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu** u tikkundannah **għal piena ta' erba' (4) xhur priġunerija effettiva**. **Il-Qorti inoltre tordna illi mill-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi kkonfiskat l-ammont ta' elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500) favur il-Gvern ta' Malta**.

Il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza lir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali sabiex jieħu dawk il-miżuri neċessarji sabiex jiġi kkonfiskat l-imsemmi ammont.

Finalment, il-Qorti tordna li ai termini ta’ l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għall-atti kollha ta’ dawn il-proċeduri u ta’ din is-sentenza bil-meżż u fiż-żmien pprovdut mill-Ligi.

**Noel Bartolo**
**MAĠISTRAT**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**24 ta’ Frar 2025**